

Rapport Speċjali

Appoġġ mill-UE lir-reġjuni tal-faħam

Fokus limitat fuq it-tranżizzjoni soċjoekonomika
u tal-enerġija



QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Werrej

Paragrafu

Sommarju eżekuttiv

I - VII

Introduzzjoni

It-tnaqqis fis-settur tal-faħam u l-impatt tiegħu fuq il-provvista tal-enerġija u l-impjegi

L-impatt negattiv tal-estrazzjoni u l-kombustjoni tal-faħam fuq is-saħħa, l-ambjent u l-klima

It-tnaqqis fl-għajjuna mill-Istat għas-settur tal-estrazzjoni tal-faħam

L-aġenda dejjem aktar ambizzjuża tal-UE għal azzjoni klimatika

Il-fondi mill-UE huma disponibbli għar-reġjuni tal-faħam

Ambitu u approċċ tal-awditjar

Osservazzjonijiet

Id-domanda tas-suq tax-xogħol saħħet il-prospetti tal-impjegi, iżda d-*data* mhix biżżejjed biex jiġi vvalutat kif il-ħaddiema fl-industrija tal-faħam ibbenefikaw minn taħriġ ifffinanzjat mill-UE

Il-ħaddiema fl-industrija tal-faħam li ngħataw is-sensja esperjenzaw sitwazzjoni ġeneralment pożittiva fis-suq tax-xogħol

Taħriġ ifffinanzjat mill-UE kien disponibbli għall-ħaddiema fl-industrija tal-faħam li ngħataw is-sensja, iżda m'hemmx *data* dwar il-parteċipazzjoni

L-Istati Membri użaw il-fondi tal-UE għall-koeżjoni territorjali mingħajr ma ffukaw fuq it-tranżizzjoni tar-reġjuni tal-faħam

Il-biċċa l-kbira mill-istrateġiji għat-tranżizzjoni ġew żviluppati reċentement

L-appoġġ taħt il-FEŻR u l-FK kien disponibbli, iżda l-impatt tiegħu fuq it-tranżizzjoni tal-enerġija u l-impjegi kien limitat

L-UE reċentement żiedet b'mod konsiderevoli l-appoġġ tagħha għat-tranżizzjoni fir-reġjuni tal-faħam

Minkejja l-progress kumplessiv, il-faħam jibqa' sors sinifikanti ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra f'xi Stati Membri

L-emissjonijiet tas-CO₂ li jirriżultaw mill-kombustjoni tal-faħam naqsu, iżda l-faħam domestiku xi drabi ġie sostitwit minnimportazzjonijiet jew minn fjuwils fossili oħra

Sa issa l-Istati Membri ftit li xejn taw attenzjoni għall-emissjonijiet tal-metan li jirriżultaw mill-minjieri tal-faħam magħluqa jew abbandunati

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

Anness

Produzzjoni u konsum tal-faħam fl-UE

Akronimi u abbrevjazzjonijiet

Glossarju

Risposti tal-Kummissjoni

Kronoloġija

Tim tal-awditjar

Sommarju eżekuttiv

I Għal għexieren ta' snin, il-faħam kien sors ewlieni ta' enerġija fl-UE. It-tnaqqis fil-produzzjoni tal-faħam, prinċipalment qabel is-sena 2000, wassal għal tnaqqis sinifikanti fil-għadd ta' impjegati fis-settur. Il-Patt Ekoloġiku tal-UE identifika l-eliminazzjoni gradwali tal-faħam għall-produzzjoni tal-enerġija bħala fattur essenzjali biex jintlaħqu l-miri klimatiċi għall-2030 u biex l-UE ssir newtrali għall-klima sal-2050.

II L-awditu tagħna vvaluta jekk l-appoġġ mill-UE kienx ikkontribwixxa b'mod effettiv għat-tranżizzjoni soċjoekonomika u tal-enerġija fir-reġjuni tal-UE, fejn l-industrija tal-faħam kienet qed tonqos. L-awditu tagħna inkluda kampjun ta' seba' reġjuni tal-UE u kopra aktar minn EUR 12.5-il biljun ta' fondi tal-UE li ngħataw taħt il-qafas finanzjarju għall-perjodu 2014-2020 sat-tieni nofs tal-2021. Aħna nistennew li s-sejbiet u rakkomandazzjonijiet tagħna jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni kosteffettiva tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, li għandu l-għan li jtaffi l-impatt soċjoekonomiku u ambjentali tat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika, inkluża l-eliminazzjoni gradwali tal-faħam.

III Aħna nikkonkludu li l-appoġġ mill-UE li ngħata lir-reġjuni tal-faħam kellu fokus u impatt limitat fuq il-ħolqien tal-impjegi u t-tranżizzjoni tal-enerġija u li, minkejja l-progress kumplessiv li sar, il-faħam jibqa' sors sinifikanti ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra f'xi Stati Membri.

IV Il-ħaddiema li ngħataw is-sensja esperjenzaw sitwazzjoni ġeneralment pożittiva fis-suq tax-xogħol fil-biċċa l-kbira mir-reġjuni inklużi fl-ambitu tal-awditjar tagħna. Korsijiet ta' taħriġ appoġġati mill-Fond Soċjali Ewropew kienu disponibbli għall-ħaddiema fl-industrija tal-faħam li kienu ngħataw is-sensja, iżda m'hemmx *data* dwar il-parteċipazzjoni tagħhom. L-għadd ta' impjegi li nħolqu direttament f'dawn ir-reġjuni permezz ta' investimenti taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, kien relattivament baxx, speċjalment meta mqabbel mal-għadd totali ta' persuni qiegħda f'dawn ir-reġjuni. Aħna sibna li fil-biċċa l-kbira tar-reġjuni inklużi fil-kampjun tagħna, il-proġetti ffinanzjati ma kellhomx impatt sinifikanti fuq l-iffrankar tal-enerġija jew fuq il-kapaċità tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli.

V Mill-2018 'l hawn, il-Kummissjoni offriet diversi tipi ta' għarfien espert lir-reġjuni tal-faħam. L-UE stabbiliet ukoll il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta b'ammont ta' EUR 19.3-il biljun, iżda ma vvalutatx il-firxa tal-ħtiġijiet ta' finanzjament. Aħna sibna sfidi għall-Istati Membri fl-użu tal-finanzjament disponibbli fi ħdan il-perjodu ta' żmien stabbilit biex jappoġġjaw tranżizzjoni effettiva. Huma jippreżentaw riskju li l-fondi maħsuba biex

itaffu l-ispejjeż soċjoekonomiċi u ambjentali tat-tranżizzjoni jistgħu jintefqu mingħajr ma t-tranżizzjoni sseħħ b' mod effettiv. Dan ir-riskju żdied bl-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja fl-2022.

VI Aħna sibna li kien hemm tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet tas-CO₂ li jirriżultaw mill-kombustjoni tal-faħam, iżda li l-faħam domestiku xi drabi ġie sostitwit minnimportazzjonijiet jew minn fjuwils fossili oħra. Ir-rappurtar dwar l-emissjonijiet tal-metan li jirriżultaw mill-minjieri magħluqa jew abbandunati ma kienx affidabbli biżżejjed. Proposta tal-Kummissjoni, li ġiet ippublikata f'Diċembru 2021, għandha l-għan li tindirizza din il-kwistjoni. L-użu tal-metan minn minjieri magħluqa jew abbandunati għal skopijiet ta' enerġija kien marġinali fl-Istati Membri inklużi fl-awditu tagħna, bl-eċċezzjoni tal-Ġermanja.

VII Aħna nirrakkomandaw li jenħtieġ li l-Kummissjoni:


- (1) tiċċekkja li l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta jintuża b' mod effettiv u effiċjenti biex itaffi l-impatt soċjoekonomiku tat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika fir-reġjuni b'intensità ta' faħam u ta' karbonju; u
- (2) tikkondividi prattika tajba għall-kejl u l-immaniġġjar tal-emissjonijiet tal-metan minn minjieri tal-faħam magħluqa jew abbandunati.

Introduzzjoni

It-tnaqqis fis-settur tal-faħam u l-impatt tiegħu fuq il-provvista tal-enerġija u l-impjegi

01 Sal-2013, il-faħam kien l-akbar sors uniku ta' enerġija fl-Ewropa għall-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana, meta dan ġie sostitwit mill-enerġija rinnovabbli (ara l-**Figura 1**). Fl-2020, il-faħam xorta waħda kien jirrappreżenta kważi 14 % tal-elettriku u s-sħana derivata li jiġu prodotti fl-UE¹.

Figura 1 – Proporzjon tal-produzzjoni tal-elettriku u tas-sħana skont it-tip ta' fjuwil




Sors: il-QEA, ibbażat fuq l-Eurostat.

¹ L-Eurostat.

02 Hemm żewġ tipi prinċipali ta' faħam: faħam kannella (inkluż il-linjite) u faħam iebes (inkluż il-faħam termali, il-faħam tal-kokk u l-antraċit). Il-faħam kannella jiġi prinċipalment estratt fil-minjieri tas-superfiċje (magħrufa wkoll bħala minjieri miftuħa), filwaqt li l-faħam iebes jiġi fil-biċċa l-kbira estratt taħt l-art. Il-**Figura 2** turi kif il-produzzjoni tal-faħam u l-użu li jsir minnu żviluppaw mill-1990 'l hawn. Il-faħam kannella jiġi prodott u jintuża fi ħdan l-UE, u l-importazzjonijiet huma negliġibbli.

Figura 2 – Produzzjoni u konsum tal-faħam fl-EU-27 (f' miljun tunnellata)



Sors: il-QEA, ibbażat fuq l-Eurostat.

03 Il-konsum tal-faħam iebes fis-27 Stat Membru tal-UE naqas minn 390 miljun tunnellata fl-1990 għal 144 miljun tunnellata fl-2020. Fl-2020, 61 % tal-faħam iebes ikkunsmat fl-UE ġie importat, fejn ir-Russja kienet is-sors ta' kważi 54 % ta' dawn l-importazzjonijiet. L-**Annex** jinkludi informazzjoni dwar il-konsum u l-produzzjoni tal-faħam minn kull Stat Membru fl-2010, fl-2015 u fl-2020.

04 Skont studju li sar fl-2021², fl-2018, 76 % tal-faħam ikkunsmat fl-UE ntuża għall-elettriku u t-tisħin u 24 % ntuża għall-produzzjoni tal-enerġija u l-materjal fl-industrija (il-biċċa l-kbira l-industrija tal-ħadid u tal-azzar).

05 It-tnaqqis fil-produzzjoni tal-faħam wassal biex l-għadd ta' persuni impjegati fis-settur tal-estrazzjoni tal-faħam jonqos b'mod sinifikanti (ara l-eżempji fit-**Tabella 1**). L-akbar tnaqqis fil-forza tax-xogħol seħħ qabel is-sena 2000. Skont studju li sar fl-2021³, fl-2018, madwar 159 000 persuna kienu impjegati direttament fis-settur tal-estrazzjoni tal-faħam, 49 000 fl-impjanti ta' produzzjoni tal-enerġija bil-faħam u għadd stmat ta' 130 000 impjeg addizzjonali tul il-katina tal-provvista. F'dik is-sena, is-settur tal-estrazzjoni tal-faħam kien jirrappreżenta inqas minn 0.2 % tal-popolazzjoni impjegata fl-UE.

² Il-Kummissjoni Ewropea - il-JRC, [Recent trends in EU coal, peat and oil shale regions, 2021](#), p. 61.

³ Il-Kummissjoni Ewropea – JRC, [Recent trends in EU coal, peat and oil shale regions, 2021](#), pp. 2-4.

Tabella 1 – Eżempji ta’ perjodi ta’ tranżizzjoni fl-EU-27 u l-impatt tagħhom fuq l-impjieg fis-settur tal-estrazzjoni tal-faħam

Stat Membru (reġjun)	Perjodu prinċipali ta’ tnaqqis	Tnaqqis fl-għadd ta’ impjieg fil-perjodu prinċipali ta’ tnaqqis	Impjieg fl-2018***
Iċ-Ċekja (bosta reġjuni)*	1990-2000	100 000	14 000
Il-Ġermanja (żona ta’ Ruhr)**	1957-1977	350 000	7 800
Il-Ġermanja (żona ta’ Lausitz fi Brandenburg u s-Sassonja)**	1990-2000	80 000	6 200
Spanja (bosta reġjuni)*	1985-2015	29 000	1 700
In-Netherlands (Limburg)*	1965-1975	75 000	-
Il-Polonja (is-Silesia ta’ Fuq, Małopolska u Lubelskie)*	1990-2002	230 000	83 000

Sors:

* IDDRI u Climate Strategies, *Lessons from previous “COAL TRANSITIONS”*, 2017, p. 5.

** GermanWatch, *Transformation experiences of Coal Regions: Recommendations for Ukraine and other European countries, Complete Study*, 2020, p. 21.

*** Il-Kummissjoni - il-JRC, *Recent trends in EU coal, peat and oil shale regions*, 2021, l-Appendiċi C.

06 Studju li sar mill-Kummissjoni fl-2021⁴ spjega li l-għeluq tal-minjieri tal-faħam kien ir-riżultat ta’ diversi fatturi: il-produzzjoni ineffiċjenti u għalja tal-faħam, faħam iebes importat komparattivament irħis, u l-volatilità akbar tal-prezzijiet tal-faħam tal-kokk fis-swieq internazzjonali. L-istudju stima wkoll li madwar 86 000 impjieg fis-settur tal-estrazzjoni tal-faħam, li kienu jirrappreżentaw aktar minn nofs l-għadd totali ta’ impjieg f’dan is-settur, kellhom riskju għoli li jintilfu wara l-2020 minħabba l-għeluq potenzjali ta’ minjieri mhux kompetittivi.

⁴ Il-Kummissjoni Ewropea - il-JRC, *Recent trends in EU coal, peat and oil shale regions*, 2021, p. 50 u 65.

L-impatt negattiv tal-estrazzjoni u l-kombustjoni tal-faħam fuq is-saħħa, l-ambjent u l-klima

07 L-estrazzjoni u l-kombustjoni tal-faħam għandhom impatti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa, l-ambjent, u l-klima. Studju li sar fl-2018⁵ ikkonkluda li hemm evidenza konsistenti li l-estrazzjoni tal-faħam hija assoċjata ma' spettru wiesa' ta' mard f'persuni li jgħixu viċin l-attivitatiet ta' estrazzjoni.

08 Il-ħruq tal-faħam jaffettwa b'mod negattiv il-kwalità tal-arja f'ħafna postijiet fl-UE. Skont l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, il-materja partikolata fina (PM_{2.5}) ikkawżat aktar minn 300 000 mewta prematura fl-2019 fl-UE⁶. Il-bojlers u l-istufi residenzjali li jaħarqu fjuwils solidi, inkluż il-faħam, jirrappreżentaw is-sors ewlieni ta' dawn l-emissjonijiet, li kien responsabbli għal aktar minn nofs l-emissjonijiet kollha tal-PM_{2.5} fl-2019⁷.

09 Skont l-inventarju annwali tal-UE rigward il-gassijiet b'effett ta' serra⁸, li jinkludi wkoll ir-Renju Unit u l-Iżlanda, il-kombustjoni tal-faħam kienet responsabbli għal 15 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-2019 (esklużi l-emissjonijiet u l-bjar ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-użu tal-art, il-bidla fl-użu tal-art u l-forestrija, kif ukoll l-emissjonijiet mill-avjazzjoni internazzjonali). L-estrazzjoni tal-faħam, speċjalment fil-minjieri taħt l-art, twassal ukoll għal emissjonijiet tal-metan, li – jekk ma jbattux – jkomplu jirriżultaw anke wara li l-minjieri jkunu ngħalqu, għalkemm fi kwantitajiet iżgħar. L-emissjonijiet tal-metan li jirriżultaw mill-estrazzjoni tal-faħam u mill-minjieri magħluqa kienu stmati li jirrappreżentaw 0.7 % tal-emissjonijiet totali ta' gassijiet b'effett ta' serra ta' 4 067 miljun tunnelli ta' ekwivalenti ta' CO₂ fl-2019⁹.

⁵ Cortes-Ramirez *et al.* BMC Public Health, [Mortality and morbidity in populations in the vicinity of coal mining: a systematic review](#), 2018, p. 1.

⁶ L-EEA, [Air quality in Europe 2021](#), 2021.

⁷ L-EEA, [National Emission reduction Commitments \(NEC\) Directive emission inventory, data għall-2019](#).

⁸ L-EEA, [Annual European Union greenhouse gas inventory 1990–2019 and inventory report 2021](#), 2021.

⁹ L-EEA, [Annual European Union greenhouse gas inventory 1990–2019 and inventory report 2021](#), 2021, p. 344.

10 L-impatt potenzjalment negattiv tal-estrazzjoni fuq l-ambjent jinkludi l-qerda tal-pajżaġġi u tal-ħabitats, il-kontaminazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, it-tniġġis tal-ilma, l-erożjoni tal-ħamrija, u t-tniġġis kimiku u mit-trab. Il-ħruq tal-faħam jipproduċi wkoll kwantitajiet kbar ta' skart solidu li fih kontaminanti bħal merkurju, uranju, torju, arseniku, u metalli tqal oħrajn.

It-tnaqqis fl-għajjnuna mill-Istat għas-settur tal-estrazzjoni tal-faħam

11 Għajjnuna mill-Istat tfisser appoġġ, dirett jew indirett, li l-gvern jagħti għal negozju jew għal organizzazzjoni, u li jagħtihom vantaġġ meta mqabbla mal-kompetituri tagħhom. Regoli speċifiċi għas-settur għall-perjodu 2003-2010¹⁰ ppermettew li għajjnuna mill-Istat tiġi pprovduta lill-industrija tal-faħam biex tiġi żgurata l-provvista tal-enerġija fl-UE. Skont studju li sar fl-2014¹¹, għajjnuna mill-Istat li kienet tammonta għal EUR 87 biljun tħallset lill-produtturi tal-faħam iebes fl-UE matul il-perjodu 2000-2012.

12 Fl-2010, il-Kunsill iddeċieda dwar regoli tranżizzjonali għas-settur tal-faħam biex jiġi ffaċilitat l-għeluq ta' minjieri tal-faħam li mhumiex kompettitivi fil-perjodu 2011-2027¹². Skont din id-Deċiżjoni tal-Kunsill, l-għajjnuna mill-Istat tiġi meqjusa kompatibbli mal-funzjonament xieraq tas-suq intern jekk tkun tkopri:

- o it-telf attwali mill-produzzjoni tal-unitajiet ta' produzzjoni tal-faħam ("għajjnuna għall-għeluq") sal-2018, bil-kundizzjoni li l-minjieri appoġġjati ngħalqu sa tmiem l-2018;
- o l-ispejjeż li jirriżultaw mill-għeluq ta' unitajiet ta' produzzjoni tal-faħam ("spejjeż eċċezzjonali"), li seħħ fil-passat jew li se jseħħ sal-2027. It-tipi ta' spejjeż li jikkwalifikaw għal din l-għajjnuna mill-Istat jinkludu benefiċċji soċjali għall-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja jew li jkunu qed jirċievu pensjoni, u spejjeż

¹⁰ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1407/2002 tat-23 ta' Lulju 2002 dwar għajjnuna mill-Istat lill-industrija tal-faħam (ĠU L 205, 2.8.2002, p. 1).

¹¹ Jonek-Kowalska, Izabela, *State aid and competitiveness of the hard coal mining industry in the European Union*, 2014.

¹² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Diċembru 2010 dwar Għajjnuna mill-Istat biex jiġi ffaċilitat l-għeluq ta' minjieri tal-faħam li mhumiex kompettitivi (2010/787/UE) (ĠU L 336, 21.12.2010, p. 24).

relatati mal-konverżjoni jew l-adattament ta' siti tal-estrazzjoni għal skopijiet differenti.

13 Mill-2011 'il hawn, il-Kummissjoni ppubblikat 21 deċiżjoni dwar 10 Stati Membri fir-rigward tal-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat taħt id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-2010. Il-Kummissjoni infurmatna li, għajnuna mill-Istat li kienet tammonta għal kważi EUR 19.3-il biljun tħallset lil kumpaniji tal-estrazzjoni tal-faħam fi tmien Stati Membri fil-perjodu 2011-2020.

L-aġenda dejjem aktar ambizzjuża tal-UE għal azzjoni klimatika

14 Fl-2015, il-Ftehim ta' Pariġi stabbilixxa mira ta' mitigazzjoni tal-klima madwar id-dinja biex jillimita t-tiżhin globali għal "ferm inqas" minn 2 C, u biex ikompli l-isforzi biex iżommu sa 1.5 C. L-UE u l-Istati Membri tagħha rratifikaw il-Ftehim fl-2016. Fl-2019, il-Kummissjoni ppubblikat il-Komunikazzjoni tagħha dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, bl-għan li "tittrasforma l-UE f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva". Il-Patt Ekoloġiku identifika l-eliminazzjoni gradwali tal-faħam bħala essenzjali biex jintlaħqu l-miri klimatiċi għall-2030 u biex l-UE ssir newtrali għall-klima sal-2050.

15 Fl-2021, l-UE adottat il-Liġi dwar il-Klima tagħha, fejn stabbiliet mira vinkolanti tal-UE ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra żero netti sal-2050. Hija stabbiliet ukoll mira intermedja li tnaqqas l-emissjonijiet netti b'mill-inqas 55 % sal-2030 (meta mqabbla mal-1990)¹³.

16 Wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja fi Frar 2022, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li fit-terminu qasir, il-pajjiżi jista' jkollhom bżonn iżidu l-konsum tal-faħam qabel ma jaqilbu għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli biex jevitaw li jiddependu fuq il-gass naturali, dment li jiġu rispettati l-miri klimatiċi u tal-enerġija tal-2030. Il-Kummissjoni ddikjarat ukoll li jenħtieġ li l-UE taċċellera t-tranżizzjoni tagħha għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli¹⁴.


¹³ L-Artikoli 1, 2 u 4 tar-Regolament (UE) 2021/1119 dwar il-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

¹⁴ Remarks by EVP Frans Timmermans on the war in Ukraine and the impact on EU climate and energy policy in the ENVI Committee, is-7 ta' Marzu 2022.

Il-fondi mill-UE huma disponibbli għar-reġjuni tal-faħam

17 Il-produzzjoni tal-faħam fl-UE kienet ikkonċentrata f'reġjuni speċifiċi fi ħdan l-Istati Membri. Fl-2018, il-faħam kien għadu qed jiġi estratt b'mod attiv f'29 reġjun tan-NUTS 2 fi 11-il pajjiż tal-UE (ara l-**Figura 3**).

Figura 3 – Reġjuni prinċipali tal-faħam fi ħdan l-UE



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea – il-JRC, [Recent trends in EU coal, peat and oil shale regions](#), 2021, pp. 100-101.

18 Il-karatteristiċi ta' dawn ir-reġjuni tal-faħam ivarjaw.

- F'xi reġjuni, l-industrija tal-faħam hija mifruxa fuq żona ġeografika kbira (bħal Asturji fi Spanja u s-Silesia fil-Polonja). F'oħrajn, hija aktar iffukata fuq żoni iżgħar (eż. Palencia u León fi Spanja u l-mikroreġjun tal-Wied ta' Jiu fir-Rumanija).

- o Xi reġjuni tal-faħam jinsabu fi jew viċin abitati, filwaqt li oħrajn jinsabu f'ambjenti rurali aktar remoti.
- o F'xi reġjuni tal-faħam, l-industrija tal-faħam, ta' spiss direttament marbuta mal-produzzjoni tal-elettriku u tat-tiġin, tiddomina l-ekonomija, filwaqt li f'oħrajn il-faħam kien parti minn pajsaġġ industrijali aktar varjat.
- o Xi reġjuni tal-faħam, bis-saħħa tal-karatteristiċi ġeografiċi jew soċjoekonomiċi tagħhom, għandhom potenzjal sinifikanti għall-isfruttament ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli¹⁵

19 Sal-introduzzjoni reċenti tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ara l-paragrafu **45**), l-ebda programm ta' finanzjament speċifiku ma sar disponibbli mill-UE għar-reġjuni li kienu jew li għadhom jipproduċu l-faħam. Sabiex it-tranżizzjoni soċjoekonomika u tal-enerġija tindirizza l-oġettivi klimatiċi u l-konsegwenzi relatati mal-għeluq tal-minjieri, l-Istati Membri u r-reġjuni setgħu jaċċessaw, flimkien mal-finanzjament nazzjonali u reġjonali tagħhom, ir-riżorsi disponibbli taħt il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) li ġejjin:

- o il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), b'allokazzjoni baġitarja għall-perjodu 2014-2020 li tammonta għal **EUR 228 biljun**, biex tittejjeb il-koeżjoni ekonomika u soċjali fl-UE billi jitnaqqsu d-disparitajiet bejn ir-reġjuni. Fost l-oqsmha ewlenin li ġew appoġġjati kien hemm l-innovazzjoni u r-riċerka, l-aġenda diġitali, in-negozji żgħar u ta' daqs medju, u l-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju.
- o il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), b'allokazzjoni baġitarja għall-perjodu 2014-2020 li tammonta għal **EUR 100 biljun**, biex jiġu promossi impjiegi sostenibbli u ta' kwalità, kif ukoll il-mobbilità tal-forza tax-xogħol.
- o il-Fond ta' Koeżjoni (FK), b'allokazzjoni baġitarja għall-perjodu 2014-2020 li tammonta għal **EUR 61 biljun** għal 15-il Stat Membru, biex jitnaqqsu d-disparitajiet ekonomiċi u soċjali u biex jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli. Il-fond jappoġġa t-titjib fin-networks trans-Ewropej tat-trasport u l-proġetti li jaqgħu taħt il-prijoritajiet ambjentali tal-UE.

20 Id-dokumenti strateġiċi ewlenin tal-Istati Membri għall-użu ta' dawn il-fondi huma ftehimiet ta' sħubija u programmi operazzjonali (PO). Xi wħud mill-PO huma

¹⁵ Il-Kummissjoni Ewropea - il-JRC, [Clean energy technologies in coal regions: Opportunities for jobs and growth: Deployment potential and impacts](#)", 2020, p. 5.

mmaniġġjati ċentralment fl-Istati Membri, filwaqt li oħrajn huma mmaniġġjati fuq livell reġjonali. Il-Kummissjoni tipprovdi gwida, tapprova dawn id-dokumenti tal-ippjanar u tissorvelja l-implimentazzjoni tagħhom. L-awtoritajiet reġjonali u nazzjonali huma responsabbli għall-ippjanar u l-implimentazzjoni tat-tranżizzjoni soċjoekonomika u tal-enerġija fir-reġjuni tal-faħam kif ukoll li jużaw il-Fondi SIE għal dan il-għan.

21 Abbażi tal-informazzjoni riċevuta mis-seba' reġjuni inklużi fl-ambitu tal-awditjar tagħna (ara l-**Figura 4** wara l-paragrafu **25**), il-Fondi SIE msemija fil-paragrafu **19**, taħt il-qafas finanzjarju 2014-2020, se jkunu appoġġjaw proġetti f'dawn ir-reġjuni b'finanzjament ta' aktar minn EUR 12.5-il biljun.

Ambitu u approċċ tal-awditjar

22 Dan l-awditu jipprovdi fehim approfondit dwar ir-rwol li l-fondi tal-UE kellhom fir-rigward tat-tranżizzjoni soċjoekonomika u tal-enerġija fir-reġjuni fejn l-industrija tal-faħam kienet qed tonqos. It-tranżizzjoni soċjoekonomika u tal-enerġija ta' reġjun tal-faħam tirreferi għall-proċess ta' ffukar mill-ġdid tal-ekonomija ta' reġjun tal-faħam sabiex jiġu sostitwiti impjegi mitlufa minħabba l-eliminazzjoni gradwali tal-faħam, l-iffrankar tal-enerġija u t-tranżizzjoni lejn sorsi ta' enerġija kompatibbli mal-oġettivi klimatiċi tal-UE. Ir-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet ta' dan l-awditu biħsiebhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni kosteffettiva tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF).

23 Aħna eżaminajna jekk l-appoġġ mill-UE kienx ikkontribwixxa b'mod effettiv għat-tranżizzjoni soċjoekonomika u tal-enerġija fir-reġjuni tal-UE, fejn l-industrija tal-faħam kienet qed tonqos. Iffukajna fuq jekk:

- taħriġ u assistenza xierqa kinux ġew ipprovduti lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja fl-industriji relatati mal-faħam;
- l-Istati Membri, flimkien mal-Kummissjoni, kinux identifikaw il-ħtiġijiet ta' żvilupp soċjoekonomiku u kinux immiraw il-fondi kif xieraq; u
- l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra li jirriżultaw mill-faħam termali kinux qed jonqsu f'konformità mat-tnaqqis fil-produzzjoni tal-faħam termali fl-UE.


24 L-awditu tagħna kien jinkludi kampjun ta' seba' reġjuni tal-UE. Waqt li konna qed nivalutaw l-użu tal-fondi tal-UE, aħna ffukajna fuq il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, u l-Fondi ta' Koeżjoni, għall-perjodu 2014-2020. Koprejna wkoll azzjonijiet oħra li jagħtu appoġġ lir-reġjuni tal-faħam, inkluża l-Inizjattiva għar-Reġjuni tal-Faħam fi Tranżizzjoni u t-tfassil tal-JTF. Fiż-żmien meta sar l-awditu, kien għadu kmieni wisq biex jiġu inklużi l-Pjanijiet Territorjali għal Tranżizzjoni Ġusta msemmija fil-paragrafu **47** fl-ambitu tax-xogħol tagħna.

25 Aħna ksibna evidenza minn:


- rapporti analitiċi dokumentarji u intervisti li saru ma' rappreżentanti ta' ħames Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni (Kompetizzjoni; Enerġija; Impjegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni; Politika Reġjonali u Urbana u ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka), u mas-segretarjat tal-Inizjattiva għar-Reġjuni tal-Faħam fi Tranżizzjoni;

- o analiżi tad-*data* dwar il-produzzjoni tal-faħam fl-UE, l-użu tiegħu u l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra assoċjati; l-effiċjenza fl-enerġija u s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli; il-popolazzjoni reġjonali u s-sitwazzjoni ekonomika (prinċipalment mill-Eurostat);
- o analiżi ta' diversi studji li jivvalutaw it-tranżizzjoni tal-enerġija, l-emissjonijiet tal-metan u s-sitwazzjoni ġenerali tal-iżvilupp ekonomiku fil-kampjun tagħna ta' seba' reġjuni tal-faħam;
- o intervisti ma' rappreżentanti ta' seba' reġjuni tal-faħam magħżula li jinsabu fi tranżizzjoni f'ħames Stati Membri (ara l-[Figura 4](#) hawn taħt), kif ukoll eżamijiet dokumentarji ta' strateġiji u dokumenti dwar l-użu tal-fondi tal-UE matul il-perjodu 2014-2020. Aħna għażilna dawn ir-reġjuni abbażi tal-għadd ta' minjieri tal-faħam li ngħalqu bejn l-2010 u l-2018, u l-għadd ta' impjegati fil-minjieri tal-faħam fl-2014.

Figura 4 – Karatteristiċi tar-reġjuni tal-faħam magħżula



Nota: Impjegati fis-settur tal-estrazzjoni fl-2014 kif ġie rrapportat mill-awtoritajiet reġjonali



Sors: L-Eurostat, *data* miġbura mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni Ewropea – il-JRC, *Recent trends in EU coal, peat and oil shale regions, 2021*, pp. 100-101.

Osservazzjonijiet

Id-domanda tas-suq tax-xogħol saħħet il-prospetti tal-impjegi, iżda d-*data* mhix biżżejjed biex jiġi vvalutat kif il-ħaddiema fl-industrija tal-faħam ibbenefikaw minn taħriġ ifffinanzjat mill-UE


26 Aħna eżaminajna jekk l-awtoritajiet tal-Istati Membri pprovdewx taħriġ u assistenza xierqa lill-impjegati fl-industrija tal-faħam li ngħataw is-sensja. Ivvalutajna jekk:

- o ġewx offruti biżżejjed attivitajiet ta' taħriġ u assistenza biex jgħinu lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja jsibu impjieg ġdid, b'kont meħud tal-għadd ta' sensji u sitwazzjoni fis-swieq tax-xogħol reġjonali; u
- o kinitx teżisti *data* biex jiġi vvalutat x'kontribut ikunu taw dawk l-attivitajiet.

Il-ħaddiema fl-industrija tal-faħam li ngħataw is-sensja esperjenzaw sitwazzjoni ġeneralment pożittiva fis-suq tax-xogħol

27 Fir-reġjuni tal-faħam koperti mill-awditu tagħna, fl-2020, l-għadd ta' persuni impjegati direttament fis-settur tal-estrazzjoni tal-faħam kien jirrappreżenta inqas minn 2 % tal-popolazzjoni impjegata, ħlief għas-Silesia (PL) u l-Wied ta' Jiu (RO), fejn dan kien ta' 4 % u 14 % rispettivament. Il-**Figura 5** turi t-tnaqqis fl-għadd ta' persuni impjegati direttament fis-settur tal-estrazzjoni bejn l-2014 u l-2020. F'xi reġjuni, dan it-tnaqqis fil-persunal settorjali nkiseb permezz ta' fluttwazzjonijiet naturali fl-għadd tal-impjegati u l-irtirar, pereżempju f'Lausitz (DE) u s-Silesia (PL), filwaqt li f'reġjuni oħra, pereżempju fil-Moravia-Silesia (CZ), kumpaniji tal-estrazzjoni tal-faħam kellhom jagħtu s-sensja lill-ħaddiema.


Figura 5 – Impjegi diretti fis-settur tal-estrazzjoni tal-faħam bejn l-2014 u l-2020



Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* miksuba mill-Istati Membri.

28 Il-*Figura 6* turi kif ir-rata tal-qgħad żviluppat fir-reġjuni magħżula li jipproduċu l-faħam mill-2005 'l hawn. Ir-rata tal-qgħad li ilha tonqos mill-2014 tindika li s-sitwazzjoni fis-suq tax-xogħol kienet ġeneralment pożittiva għall-persuni li qed ifittxu impjieg, filwaqt li tnaqqas ir-riskju li l-ħaddiema tal-industrija tal-faħam li ngħataw is-sensja jibqgħu qiegħda. Sal-2020, ir-rata tal-qgħad kienet naqset għal inqas minn 5 % fir-reġjuni kollha koperti, ħlief għat-tnejn fi Spanja. Il-qgħad f'dawn iż-żewġ reġjuni kien, madankollu, inqas mir-rata nazzjonali (15.5 %). Minkejja dan it-titjib, xi diffikultajiet fis-suq tax-xogħol jistgħu ma jinqabdux mill-analiżi tar-rata tal-qgħad (ara l-*Kaxxa 1*).

Figura 6 – Rata tal-qgħad, 2005-2020 (f'%)



Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* tal-Eurostat għar-rati tal-qgħad fil-popolazzjoni ta bejn il-15 u l-74 sena.

Kaxxa 1

Tliet kwarti tal-persuni li għandhom bejn il-15 u l-65 sena fil-Wied ta' Jiu (ir-Rumanija) ma għandhomx impjeg


Fil-Wied ta' Jiu, wara r-ristrutturar tas-settur tal-faħam, l-għadd ta' persuni impjegati naqas minn 70 000 fl-1995 għal 25 000 fl-2019. Fl-2019, kien hemm 100 000 persuna li kellhom bejn il-15 u l-65 sena. Kienu 1 489 biss li kienu meqjusa qiegħda, billi dawn kienu qed ifittxu xogħol b' mod attiv u reġistrati mal-uffiċċju tal-qgħad. Għalhekk, ir-rata tal-qgħad tagħti stampa inkompleta tas-sitwazzjoni diffiċli relatata mal-qgħad fil-Wied ta' Jiu.

Skont l-Inizjattiva għar-Reġjuni tal-Faħam fi Tranzizzjoni¹⁶, il-Wied ta' Jiu għandu ekonomija fil-biċċa l-kbira mhux diversifikata li għadha tiddependi ħafna fuq l-attivitajiet ta' estrazzjoni. Il-konnettività limitata u l-infrastruttura tat-trasport iddeterjorata tiegħu, id-degradazzjoni ambjentali tiegħu u l-għeluq suċċessiv tal-minjieri bl-ammont kbir ta' sensji li ngħataw lill-impjegati tagħhom wasslu għal tnaqqis kumplessiv fil-popolazzjoni tal-Wied ta' Jiu. Minkejja li sar xi ristrutturar ekonomiku, ir-reġjun għandu attraenza limitata għall-investituri privati.

29 Ħlief għal Lausitz (DE) u l-Asturji (ES), ir-reġjuni l-oħra inklużi fil-kampjun tagħna esperjenzaw migrazzjoni netta negattiva matul il-perjodu 2013-2020; fi kliem ieħor, kien hemm aktar persuni li telqu mir-reġjuni milli stabbilew ruħhom fihom (ara l-**Figura 7**). Dan ikkontribwixxa parzjalment ukoll għat-tnaqqis fir-rata tal-qgħad, billi xi persuni qiegħda ddeċidew li joħroġu barra mir-reġjuni biex ifittxu impjegi ġodda f' postijiet oħra.

¹⁶ Il-Kummissjoni Ewropea, “Regional profile Jiu Valley”, l-Inizjattiva għar-Reġjuni tal-Faħam fi Tranżizzjoni, 2020.

Figura 7 – Migrazzjoni netta fir-reġjuni magħżula, 2013-2019




Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-Eurostat.

Taħriġ ifffinanzjat mill-UE kien disponibbli għall-ħaddiema fl-industrija tal-faħam li ngħataw is-sensja, iżda m'hemmx *data* dwar il-parteċipazzjoni

30 Il-*Figura 8* tagħti sommarju tal-appoġġ ipprovdut taħt il-Fond Soċjali Ewropew għall-korsijiet ta' taħriġ u l-attivitajiet disponibbli għall-persuni qiegħda, inklużi l-impjegati fis-settur tal-estrazzjoni tal-faħam li ngħataw is-sensja, fir-reġjuni koperti mill-awditu tagħna. Fil-biċċa l-kbira tar-reġjuni, fondi nazzjonali ntużaw ukoll biex jiġi pprovdut taħriġ u taħriġ mill-ġdid ta' ħiliet lill-persuni qiegħda u lill-ħaddiema fis-settur tal-estrazzjoni tal-faħam li ngħataw is-sensja.

Figura 8 – Attivitajiet iffinanzjati mill-FSE matul il-perjodu 2014-2020



Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* miksuba mill-Istati Membri.

31 Il-*Kaxxa 2* tiddeskrivi żewġ proġetti li appoġġjaw speċifikament lill-eks ħaddiema fl-industrija tal-faħam. Il-parteċipanti f'dawn il-proġetti kienu jirrappreżentaw inqas minn 2 % tal-impjegi li ntilfu fis-settur tal-estrazzjoni tal-faħam fir-reġjuni awditjati. Għaż-żewġ proġetti appoġġjati fil-Moravia-Silesia (CZ) u f'Palencia u León (ES), wieħed jista' jara li dawn il-proġetti inizjalment immiraw lejn għadd ogħla ta' parteċipanti mill-għadd ta' persuni li fl-aħħar mill-aħħar ipparteċipaw.

Kaxxa 2

Eżempju ta' miżuri ffinanzjati mill-UE mmirati lejn l-impjegati fl-industrija tal-faħam li ngħataw is-sensja

Fil-**Moravia-Silesia (CZ)**, l-FSE pprovda EUR 370 000 għal proġett li kien joffri lill-parteciċipanti dijanjostika tal-impjieg, taħriġ, taħriġ mill-ġdid ta' ħiliet u tqabbil tal-impjieg. Mit-338 persuna involuta f'dan il-proġett, 260 (77 %) kienu minn kumpanija tal-estrazzjoni tal-faħam. Fiż-żmien meta sar l-awditu, 324 parteciċipant ikkompletaw il-miżuri ppjanati u 278 kisbu impjieg wara li telqu mill-programm. Il-baġit inizjali għall-proġett kien erba' darbiet ogħla, iżda kellu jitnaqqas minħabba żvilupp pożittiv fis-suq tax-xogħol li wassal għal interess aktar baxx milli mistenni min-naħa ta' parteciċipanti potenzjali.

F'**Palencia u León (ES)**, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) ipprovda EUR 1.02 miljun biex jiġi ffinanzjat proġett li kellu l-għan li jtejjeb l-impjegabbiltà tal-eks ħaddiema fis-settur tal-estrazzjoni tal-faħam. L-objettiv ta' dan il-fond huwa li jindirizza s-sensji fuq skala wiesgħa b'riżultat tar-ristrutturar industrijali. Il-proġett ipprovda taħriġ lil 198 eks ħaddiem fl-industrija tal-faħam li kienu jirrappreżentaw 58 % tal-mira inizjali (339). Skont l-informazzjoni disponibbli, 81 (41 %) ħaddiem irnexxielhom isibu impjieg b'riżultat tat-taħriġ.

32 Il-leġiżlazzjoni dwar l-FSE ma kinitx tirrikjedi li l-Istati Membri jirrapportaw *data* relatata mal-eks impjegati fl-industrija tal-faħam separatament. L-awtoritajiet rilevanti fir-reġjuni magħżula ma setgħux jiġbru informazzjoni dwar l-eks impjegati fl-industrija tal-faħam. Konsegwentement, l-għadd ta' impjegati fl-industrija tal-faħam li ngħataw is-sensja li pparteciċipaw fil-miżuri ffinanzjati mill-UE, u l-kontribut ta' dawk il-miżuri biex jgħinu lill-parteciċipanti jsibu impjegi ġodda, ma setgħux jiġu stabbiliti. L-informazzjoni kienet disponibbli biss għall-ftit ħafna miżuri mmirati bħal dawk deskritti fil-**Kaxxa 2** hawn fuq.

L-Istati Membri użaw il-fondi tal-UE għall-koeżjoni territorjali mingħajr ma ffukaw fuq it-tranżizzjoni tar-reġjuni tal-faħam

33 Aħna eżaminajna jekk l-Istati Membri, flimkien mal-Kummissjoni, kinux identifikaw il-ħtiġijiet ta' żvilupp soċjoekonomiku u kinux immiraw il-fondi kif xieraq. Ivalutajna jekk:

- o l-Istati Membri kinux identifikaw il-kwistjoni relatata mat-tnaqqis tal-faħam fl-analiżi tal-elementi sodi, id-dgħufijiet, l-opportunitajiet u t-theddiedet (SWOT) tagħhom fil-PO u d-dokumenti strateġiċi żviluppati tagħhom li jindirizzaw it-tranżizzjoni soċjoekonomika;

- o L-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, kinux investew il-fondi tal-UE fuq azzjonijiet li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni tal-enerġija u l-iżvilupp tan-nisġa ekonomika tar-reġjuni tal-faħam milquta, u jwasslux benefiċċji ċari bħall-ħolqien ta' impjiegi ġodda, iż-żieda fil-kapaċitajiet ta' riżorsi rinnovabbli u t-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija; u
- o wara li ġie adottat il-Ftehim ta' Pariġi, il-Kummissjoni kienet ħadet azzjoni biex tappoġġja r-reġjuni tal-faħam li jinsabu fi tranżizzjoni f'konformità mal-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.

Il-biċċa l-kbira mill-istrategġiji għat-tranżizzjoni ġew żviluppatti reċentement

34 Ma kien hemm l-ebda rekwiżit legali fil-livell tal-UE biex titthejja strategġija għat-tranżizzjoni soċjoekonomika jew tal-enerġija għar-reġjuni tal-faħam fl-perjodu 2014-2020. Madankollu, aħna nqisu li kienet tkun Prattika tajba li tiġi stabbilita tali strategġija, speċjalment peress li r-reġjuni kollha magħżula, ħlief għal Brandenburg, kienu qed jiffaċċjaw tnaqqis qawwi fil-produzzjoni tal-faħam, u l-estrazzjoni tal-faħam ma kinitx għadha attività vijabbli. It-**Tabella 2** tippreżenta ħarsa ġenerali lejn l-iżvilupp tal-istrategġiji għat-tranżizzjoni soċjoekonomika fir-reġjuni tal-faħam magħżula. L-analiżi tagħna tal-istrategġiji għat-tranżizzjoni turi li daww li ġew ippubblikati bejn l-2018 u l-2021 jinkludu valutazzjoni tal-analiżi SWOT jew analiżijiet simili tar-reġjun tagħhom, u li l-partijiet ikkonċernati ewlenin kienu involuti fit-tfassil tagħhom.

Tabella 2 – Ħarsa ġenerali lejn l-istrategġiji għat-tranżizzjoni soċjoekonomika fir-reġjuni magħżula

Reġjun	Kummenti
Il-Moravia-Silesia (CZ)	Fl-2015, il-gvern Ċek iddeċieda li jimplementa l-Programm RE:START, li kellu l-għan li jappoġġja r-ristrutturar ekonomiku tat-tliet reġjun tal-faħam fiċ-Ċekja. L-ewwel pjan ta' azzjoni RE:START ġie żviluppat għall-perjodu 2017-2030. Strategġija reġjonali għall-perjodu 2019-2027, li ġiet ippubblikata fl-2019, spjegat b'mod ċar il-ħtieġa għal tranżizzjoni soċjoekonomika kif ukoll l-impatt negattiv ta-industrija tal-faħam fuq l-ambjent u l-klima.
Lausitz (DE)	Strategġiji dedikati għat-tranżizzjoni soċjoekonomika għal Lausitz ġew żviluppatti wara l-2017, wara l-adozzjoni tal-istrategġija ta' ħruġ mill-industrija tal-faħam għall-Ġermanja, li allokaw għajjnuna nazzjonali li kienet tammonta għal EUR 17-il biljun għal Brandenburg sal-2038.


L-Asturji (ES)	F'kuntest fejn relattivament ftit minaturi kienu fl-2013 u l-attivitajiet ta' estrazzjoni kienu waqfu fl-2018, il-fondi taħt l-istrateġija għall-perjodu 2013-2018 intefqu prinċipalment biex jikkumpensaw lill-eks minaturi. L-istrateġiji għall-perjodu 2019-2027 jiffukaw fuq ir-riattivazzjoni ekonomika u żvilupp alternattiv tar-reġjuni tal-estrazzjoni biex jilħqu t-trasformazzjoni strutturali tagħhom.
Palencia u León (ES)	
Is-Silesia (PL)	Il-ħtieġa għat-tranżizzjoni soċjoekonomika u tal-enerġija kienet diġà għet enfasizzata fi strateġija tal-2013, iżda l-pjan ta' azzjoni korrispondenti għat-“trasformazzjoni tar-reġjun” ġie ppubblikat biss fl-2019. Fl-2020, għet adottata strateġija reġjonali ġdida, b'fokus akbar fuq it-trasformazzjoni soċjoekonomika tar-reġjun.
Małopolska (PL)	Għalkemm strateġija mill-2011 kienet tinkludi miżuri biex tiġi ttrattata t-tranżizzjoni soċjoekonomika, il-miżuri ppjanati fl-istrateġija tal-2020 jindirizzaw aħjar il-ħtiġijiet tat-tranżizzjoni.
Il-Wied ta' Jiu (RO)	Strateġija għall-perjodu 2022-2030 relatata mal-iżvilupp soċjoekonomiku u ambjentali tal-Wied ta' Jiu kienet fil-proċess ta' approvazzjoni fiż-żmien meta sar l-awditu. Filwaqt li għet żviluppata permezz tal-fondi tal-UE, l-istrateġija kienet ibbażata fuq analiżijiet tal-isfidi u l-opportunitajiet fil-mikroreġjun, u ħadet inkunsiderazzjoni l-fehmiet tal-partijiet interessati rilevanti. Din hija t-tielet strateġija ta' żvilupp għall-Wied ta' Jiu. L-istrateġija li għet approvata fl-2016 qatt ma għet implimentata. L-istrateġija għall-perjodu 2002-2010 ma kellhiex impatt sinifikanti fuq is-sitwazzjoni soċjoekonomika fil-Wied ta' Jiu.

Sors: il-QEA.

35 L-impenji uffiċjali għall-eliminazzjoni gradwali tal-faħam saru bejn l-2016 u l-2022 (ara l-[Figura 9](#)) u kkontribwew għall-iżvilupp reċenti tal-istrateġiji għat-tranżizzjoni fir-reġjuni magħżula. Il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima (NECPs) għall-perjodu 2021-2030 jiddeskrivu fil-qosor kif l-Istati Membri biħsiebhom jindirizzaw kwistjonijiet bħall-effiċjenza fl-enerġija, is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra. Dawn ġew aġġornati l-aħħar fl-2019, li jfisser li l-impatt tal-impenji l-aktar reċenti għadu mhux rifless fil-pjanijiet attwali. L-Istati Membri jkollhom jippreżentaw abbozz ta' aġġornament tan-NECPs tagħhom lill-Kummissjoni sa Ġunju 2023¹⁷.

¹⁷ L-Artikoli 3 u 14 tar-[Regolament \(UE\) 2018/1999](#) dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

Figura 9 – Status tal-eliminazzjoni gradwali tal-faħam skont il-pajjiż (Mejju 2022)




Sors: il-QEA, ibbażat fuq [informazzjoni](#) miżmuma mill-Kummissjoni Ewropea.

L-appoġġ taħt il-FEŻR u l-FK kien disponibbli, iżda l-impatt tiegħu fuq it-tranżizzjoni tal-enerġija u l-impjegi kien limitat

36 Il-**Figura 10** turi l-użu li r-reġjuni tal-faħam magħżula għamlu mill-FEŻR, inkluż taħt programmi ta' livell nazzjonali. F'Lausitz (DE), Palencia u León (ES), u Małopolska (PL), proporzjon kbir tal-finanzjament taħt il-FEŻR intuża għar-riċerka, l-innovazzjoni u l-iżvilupp tan-negozju. Fil-Wied ta' Jiu (RO), is-Silesia (PL) u l-Moravia-Silesia (CZ), ġew investiti proporzjonijiet sinifikanti tal-fondi biex jittejbu l-infrastrutturi soċjali, tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tat-trasport. Fir-reġjuni kollha, minbarra f'Lausitz, aktar minn 18 % tal-finanzjament taħt il-FEŻR intefaqq fuq miżuri biex jittejeb l-ambjent, bħal faċilitajiet tat-trattament tal-ilma mormi, jew azzjonijiet biex tittejjeb il-kwalità tal-arja. Sal-aħħar tliet xhur tal-2021, is-seba' reġjuni koperti mill-awditu tagħna approvaw

appoġġ mill-UE li kien jammonta għal EUR 9.5 biljun biex jiġu ffinanzjati proġetti taħt il-FEŻR.

Figura 10 – Użu mill-FEŻR għall-perjodu 2014-2020 fir-reġjuni tal-faħam magħżula



Sors: il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u r-reġjuni tal-faħam magħżula.

37 Minbarra l-finanzjament taħt il-FEŻR, EUR 2.5 biljun mill-Fond ta' Koeżjoni ntużaw biex jiġu appoġġjati proġetti f'erba' reġjuni. Fil-Wied ta' Jiu (RO), id-daqs ta' dan il-finanzjament kien sinifikanti, billi dan kien jirrappreżenta 46 % tal-infiq tar-reġjun taħt il-Fond ta' Koeżjoni u l-FEŻR flimkien. Il-proġetti appoġġjati kellhom l-għan li jirrinovaw u jimmodernizzaw is-sistema tal-ilma u tal-ilma mormi fil-Kontea ta' Hunedoara. Fis-Silesia (PL) u Małopolska (PL), il-Fond ta' Koeżjoni kien jirrappreżenta 28 % u 22 % rispettivament, ta' dawn iż-żewġ fondi flimkien, li l-maġġoranza tagħhom intefqu fuq il-konstruzzjoni tal-ferroviji, l-awtostradi u t-toroq, li jaqgħu taħt in-Network trans-

Ewropew tat-trasport. Fil-Moravia-Silesia (CZ), il-Fond ta' Koeżjoni kien jirrappreżenta 14 % ta' dawn iż-żewġ fondi flimkien u fil-biċċa l-kbira wkoll intuża biex jappoġġja proġetti fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport.

38 It-*Tabella 3* turi l-għadd ta' impjegi li għandhom jinħolqu direttament bl-appoġġ taħt il-FEŻR, skont id-*data* riċevuta mill-awtoritajiet maniġerjali. Il-livell tagħhom huwa baxx (inqas minn 5 %) meta mqabbel mal-medja tal-qgħad għall-perjodu 2014-2020 fir-reġjuni magħżula. Billi jstimula d-domanda għall-prodotti u s-servizzi għall-proġetti sussidjati, il-FEŻR joħloq ukoll impjegi b'mod indirett, iżda d-*data* dwar dawn l-impjegi li jinħolqu b'mod indirett mhix disponibbli.

Tabella 3 – Farsa ġenerali lejn l-impjegi, li għandhom jinħolqu direttament bil-proġetti ffinanzjati mill-FEŻR għall-perjodu 2014-2020

Reġjun	Għadd ta' impjegi (A)	Għadd medju ta' persuni qiegħda fil-perjodu 2014-2020 (B)	Espress bħala % (A/B *100)
Il-Moravia-Silesia (CZ)	387	33 800	1.1
Lausitz (DE)	110	24 000	0.5
L-Asturji (ES)	668	74 700	0.9
Is-Silesia (PL)	3 802	93 600	4.1
Małopolska (PL)	2 151	70 500	3.1
Il-Wied ta' Jiu (RO)	104	75 000	0.1

Sors: il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u mill-Eurostat (l-informazzjoni għal Palencia u León (ES) ma ġietx ipprovduta mill-awtoritajiet Spanjoli). Għall-Wied ta' Jiu (RO), nużaw l-għadd ta' persuni fil-popolazzjoni attiva li ma għandhomx impjieg minflok l-għadd medju ta' persuni qiegħda (ara l-*Kaxxa 1*).

39 Rapport tal-2020 li ħareġ mill-Kummissjoni Ewropea¹⁸ vvaluta l-potenzjal ta' reġjuni li kienu jipproduċu l-faħam fil-livell tan-NUTS 2 biex isir investiment f'sorsi ta' enerġija rinnovabbli u biex jinħolqu impjiegi b'dawn it-teknoloġiji tal-enerġija nadifa. Is-seba' reġjuni magħżula ġew ievalutati kif ġej:

- Brandenburg (Lausitz) (DE), l-Asturji (ES), u Kastilja u León (Palencia u León) (ES) huma reġjuni b'potenzjal għoli ta' impjiegi mill-użu ta' teknoloġiji tal-enerġija nadifa.
- Małopolska (PL) u Vest (il-Wied ta' Jiu) (RO) jistgħu jiżviluppaw bil-mod l-impjiegi bit-teknoloġiji tal-enerġija nadifa sal-2030, iżda l-potenzjal ta' dawn it-teknoloġiji biex joħolqu l-impjiegi jista' jiġi realizat bis-sħiħ biss sal-2050.
- Il-Moravia-Silesia (CZ) u s-Silesia (PL) għandhom abbiltà limitata biex jissostitwixxu bis-sħiħ l-impjiegi relatati mal-faħam ma' impjiegi fis-settur tat-teknoloġiji tal-enerġija nadifa.

40 Il-fondi tal-UE normalment ma jissussidjawx proġetti akbar għall-installazzjoni ta' teknoloġiji maturi tal-enerġija rinnovabbli, billi llum il-ġurnata jenħtieġ li dawn jiġġeneraw flussi ta' dħul suffiċjenti u ma jirċevux għotja¹⁹. Għaldaqstant, il-Fondi SIE normalment jappoġġjaw installazzjonijiet iżgħar. Dan ġie kkonfermat mill-analiżi li wettaqna tal-infiq taħt il-FEŻR fis-seba' reġjuni magħżula, li fil-biċċa l-kbira jintuża għall-installazzjonijiet ta' pannelli solari ġodda. Il-Wied ta' Jiu (RO) ma ffinanzja l-ebda installazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, u erba' reġjuni magħżula nefqu inqas minn 1 % tal-finanzjament taħt il-FEŻR kuntrattwali tagħhom fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Is-Silesia (PL) ikkuntrattat l-oġhla proporzjon ta' nfiq taħt il-FEŻR fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbli ta' madwar 3 %, li se jipprovdi kapacià għal ta' enerġija rinnovabbli u se jirrappreżenta 2.3 % tal-kapacià teknika potenzjali għar-reġjun skont ir-rapport tal-2020 msemmi fil-paragrafu preċedenti.

41 Il-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" tal-UE ifisser indirizzar tal-effiċjenza enerġetika qabel investimenti f'provista tal-enerġija addizzjonali. Fir-reġjuni awditjati, l-infiq taħt il-FEŻR fuq proġetti għall-iffrankar tal-enerġija fl-infrastruttura pubblika, l-istokk tal-akkomodazzjoni eżistenti, l-SMEs u l-intrapriżi l-kbar kien ivarja

¹⁸ Il-Kummissjoni Ewropea - il-JRC, [Clean energy technologies in coal regions: Opportunities for jobs and growth](#), 2020, pp. 5-6.

¹⁹ L-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

minn 2.4% tal-infiq ikkuntrattat taħt il-FEŻR f'Palencia u León (ES) sa 15 % fl-Asturji (ES).

42 Stajna nistabbilixxu l-impatt mistenni ta' dawn il-miżuri fl-effiċjenza fl-enerġija ffinanzjati mill-UE biss għall-Moravia-Silesia (CZ), fejn il-proġetti għall-perjodu 2014-2020 huma mistennija li jiġġeneraw iffrankar tal-enerġija annwali li jkun jirrappreżenta kważi 5 % tal-konsum tas-sħana annwali totali fir-reġjun. Għas-Silesia (PL) u l-Małopolska (PL), l-awtoritajiet iprovdew data dwar l-impatt tal-programmi reġjonali iżda mhux tal-programmi fuq livell nazzjonali. F'kull wieħed minn dawn iż-żewġ reġjuni, l-iffirankar tal-enerġija ffinanzjat mill-UE huwa mistenni li jkun inqas minn 3 % tal-konsum tas-sħana annwali u inqas minn 1 % tal-konsum tal-elettriku annwali. Ir-reġjuni li jifdal fil-kampjun tagħna ma pprovdewlniex *data* kompleta biżżejjed biex nagħmlu stima.

43 Fir-rapport tagħna dwar l-effiċjenza enerġetika fl-intrapriżi, aħna sibna wkoll li l-proġetti tal-effiċjenza enerġetika ffinanzjati mill-UE jagħtu biss kontribut modest għall-obiettivi tal-UE²⁰. Studju li sar mill-Kummissjoni Ewropea fl-2020²¹ juri li l-biċċa l-kbira mill-iffirankar tal-enerġija fil-livell nazzjonali²² ġej mill-obbligi dwar l-effiċjenza fl-enerġija jew mit-tassazzjoni fuq l-enerġija.

L-UE reċentement żiedet b'mod konsiderevoli l-appoġġ tagħha għat-tranżizzjoni fir-reġjuni tal-faħam

44 F'Diċembru 2017, il-Kummissjoni ħabbret it-tnedija tal-*Inizjattiva għar-Reġjuni tal-Faħam fi Tranżizzjoni* ("CRIT"), b'baġit ta' EUR 3 100 000. L-inizjattiva kienet tikkonsisti fi pjattaforma miftuħa li tiġbor flimkien il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, filwaqt li tippromwovi l-iskambju tal-għarfien u l-esperjenzi bejn ir-reġjuni tal-faħam. Hija tat ukoll assistenza teknika lil seba' reġjuni speċifiċi tal-faħam (inklużi l-Asturji (ES), is-Silesia (PL), Małopolska (PL) u l-Wied ta' Jiu (RO)). F'Ġunju 2020, il-Kummissjoni nediet

²⁰ Ir-Rapport Speċjali 02/2022: L-effiċjenza fl-enerġija fl-intrapriżi - iffrankar tal-enerġija iżda hemm dgħufijiet fl-ippjanar u fl-għażla tal-proġetti, il-paragrafi 117-120.

²¹ Il-Kummissjoni Ewropea, *Valutazzjoni tal-2019 dwar il-progress li għamlu l-Istati Membri lejn il-miri nazzjonali tal-effiċjenza enerġetika għall-2020 u lejn l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika kif meħtieġ mill-Artikolu 24(3) tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika 2012/27/UE, 2020; l-Illustrazzjoni 3, COM(2020) 326 final.*

²² Iffirankar taħt l-Artikolu 7 tad- *Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija*.

il-Pjattaforma għal Tranżizzjoni Ġusta, li tibni fuq l-esperjenza miġbura mill-Pjattaforma CRIT. Rapporti ppubblikati mill-JRC²³ identifikaw xi wħud minn dawn ir-reġjuni u ddeskrivew il-profil tagħhom.


45 Bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Kummissjoni pproponiet il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta biex timmira lejn ir-reġjuni u s-setturi l-aktar milquta mit-tranżizzjoni lejn l-ekonomija newtrali għall-klima, u li huma dipendenti fuq il-fjuwils fossili, inklużi l-faħam, il-pit u shale bituminuż , u proċessi industrijali b'intensità tal-gassijiet b'effett ta' serra ("reġjuni affettwati mit-tranżizzjoni"). Dan jikkonsisti fi tliet pilastri:

- Fond għal Tranżizzjoni Ġusta²⁴ b'EUR 19.3-il biljun disponibbli prinċipalment għall-għotjiet, li jiġi implimentat taħt ġestjoni kondiviża bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri (ara l-**Figura 11**);
- Skema għal Tranżizzjoni Ġusta li tipprovdi garanziji baġitarji taħt l-InvestEU biex "jinkludi" investiment privat; u
- faċilità ta' self għas-settur pubbliku, li permezz tagħha s-self mill-BEI jkun ikkombinat mal-għotjiet tal-UE.

²³ Il-Kummissjoni Ewropea – il-JRC, *EU coal regions: opportunities and challenges ahead*, 2018. *Clean energy technologies in coal regions: Opportunities for jobs and growth*, 2020. Il-Kummissjoni Ewropea – il-JRC, *Recent trends in EU coal, peat and oil shale regions*, 2021.

²⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1).

Figura 11 – Kronoloġija tal-JTF



Sors: Il-QEA, ibbażat fuq leġiżlazzjoni u informazzjoni miksuba mill-Kummissjoni.

46 L-opinjoni tagħna²⁵ dwar il-proposti tal-Kummissjoni għar-Regolament dwar il-JTF enfasizzat li l-Kummissjoni ma kinitx wettqet analiżi komprensiva ta' dak li nkiseb permezz tal-finanzjament preċedenti li ngħata mill-UE f'dawn ir-reġjuni, jew tal-ħtiġijiet li fadlilhom. Hija ssottolinjat l-importanza tal-koordinazzjoni u l-komplementarjetà tad-diversi sorsi ta' finanzjament. Hija saħqet b'mod partikolari fuq ir-riskju li l-fondi maħsuba biex itaffu l-ispejjeż soċjoekonomiċi u ambjentali tat-tranżizzjoni jintefqu mingħajr ma t-tranżizzjoni sseħħ b'mod effettiv, billi xi reġjuni ma jittrasformawx l-industriji b'intensità qawwija ta' karbonju tagħhom. Dan ir-riskju huwa aċċentwat mill-perjodu ta' żmien limitat tal-programm. Il-fondi mill-Istrument tal-UE għall-Irkupru, li jammontaw għal EUR 10.87 biljun, ikun jeħtieġ li jiġu impenjati sa tmiem l-2023 u użati sa tmiem l-2026.

47 Il-Pjanijiet Territorjali għal Tranżizzjoni Ġusta huma element ċentrali għall-implimentazzjoni tal-JTF. F'Awgust 2022, kienu ġew approvati għaxar Pjanijiet Territorjali għal Tranżizzjoni Ġusta. L-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja fl-2022, u l-effetti tagħha fuq is-suq tal-enerġija, jistgħu jirriżultaw ukoll f'dewmien fit-tranżizzjoni 'l

²⁵ L-Opinjoni Nru 5/2020 dwar il-proposti 2020/0006 (COD) tal-Kummissjoni tal-14 ta' Jannar 2020 u tat-28 ta' Mejju 2020 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta.

bogħod mill-faħam, u jkollhom impatt fuq l-implimentazzjoni tal-pjanijiet għal tranżizzjoni.

48 Ir-Regolament dwar il-JTF jistabbilixxi għadd ta' elementi li jeħtieġ li l-Istati Membri jiddeskrivu fil-pjanijiet għal tranżizzjoni ġusta tagħhom, inklużi l-proċess ta' tranżizzjoni fil-livell nazzjonali, l-isfidi ta' tranżizzjoni tar-reġjuni l-aktar milquta, u l-kontribut mistenni tal-JTF²⁶. Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar il-pjanijiet territorjali ta' tranżizzjoni ġusta²⁷ jippreżenta l-fehma tas-servizzi tal-Kummissjoni dwar ir-rekwiżiti tal-ipprogrammar. Fir-rigward tal-kundizzjonijiet biex jiġu aċċettati l-pjanijiet, id-dokument jiddeskrivi s-sitwazzjonijiet li fihom il-Kummissjoni tistenna li taċċetta jew tirrifjuta l-proposti tal-Istati Membri. Dawn il-kundizzjonijiet għandhom il-potenzjal li jnaqqsu parzjalment xi wħud mir-riskji identifikati fl-opinjoni tagħna, iżda fiż-żmien meta sar l-awditu, kien kmieni wisq biex jiġi vvalutat kif dawn se jiġu applikati fil-prattika.

Minkejja l-progress kumplessiv, il-faħam jibqa' sors sinifikanti ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra f'xi Stati Membri

49 Aħna eżaminajna l-evoluzzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-faħam. Ivvalutajna jekk:

- o l-użu tal-faħam għall-produzzjoni tal-elettriku u tas-sħana (u l-emissjonijiet tas-CO₂ assoċjati) huwiex qed jonqos f'konformità mat-tnaqqis fil-produzzjoni tal-faħam termali fl-UE; u
- o stimi affidabbli tal-emissjonijiet tal-metan li jirriżultaw mill-minjieri tal-faħam attivi u abbandunati kinux disponibbli, flimkien mar-regoli u l-inċentivi biex jiġu limitati l-emissjonijiet tal-metan minn minjieri magħluqa.

L-emissjonijiet tas-CO₂ li jirriżultaw mill-kombustjoni tal-faħam naqsu, iżda l-faħam domestiku xi drabi ġie sostitwit minnimportazzjonijiet jew minn fjuwils fossili oħra


50 Fl-EU-27, l-emissjonijiet tas-CO₂ li jirriżultaw mill-użu tal-faħam għall-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana naqsu b'59 % bejn l-1990 u l-2020. Il-**Figura 12** turi li l-

²⁶ L-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/1056.

²⁷ Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar il-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta, SWD(2021) 275 final.

proporzjon tal-ġenerazzjoni grossa tal-elettriku u tas-sħana mħaddma mill-faħam kien għadu 'l fuq minn 15 % f'sitt pajjiżi tal-UE fl-2020. Fis-sitt pajjiżi tal-UE deskritti fil-**Figura 12**, il-kombustjoni tal-faħam għall-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana kienet responsabbli għal bejn 9 % u 32 % tal-emissjonijiet totali ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-2020 (esklużi l-emissjonijiet u l-bjar mill-użu tal-art, il-bidla fl-użu tal-art u l-forestrija, kif ukoll emissjonijiet mill-avjazzjoni internazzjonali)²⁸.

Figura 12 – Proporzjon tal-produzzjoni grossa tal-elettriku u tas-sħana mill-faħam



Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* tal-EEA ppubblikata mill-Eurostat.

51 Il-proporzjon tal-elettriku u tas-sħana li jiġu prodotti mill-faħam fl-UE kollha naqas bi 11-il punt perċentwali bejn l-2013 u l-2020, minn 25 % għal 14 %. Filwaqt li l-proporzjon tal-elettriku u tas-sħana ġġenerati minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli żdied bi 11-il punt perċentwali fl-istess perġodu, il-proporzjon tal-elettriku u tas-sħana ġġenerat mill-gass naturali żdied ukoll b'4 punti perċentwali (ara l-**Figura 1**). Fir-reġjuni inklużi fl-awditu tagħna u fl-Istati Membri korrispondenti, aħna b'mod ġenerali osservajna li l-faħam ma kienx ġie biss issostitwit b'sorsi ta' enerġija sostenibbli.

- Fiċ-Ċekja, il-produzzjoni tal-faħam iebes fil-Moravia-Silesia (CZ) naqset b'60 % bejn l-2014 u l-2019. Minħabba ż-żieda fl-importazzjonijiet tal-faħam iebes, l-


²⁸ L-EEA, *Annual European Union greenhouse gas inventory 1990–2020 and inventory report 2022*, 2022, pp. 80 u 102.

emissjonijiet tas-CO₂ ikkawżati mill-kombustjoni tal-faħam iebes fiċ-Ċekja naqsu biss bi 32 %.

- F'Lausitz (DE), il-minjieri attivi pproduċew aktar faħam biex ikopru l-produzzjoni mitlufa mill-minjiera ta' Cottbus li ngħalqet.
- Fi Spanja, l-emissjonijiet tas-CO₂ li jirriżultaw mill-ħruq tal-faħam għall-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana naqsu bi 63 % bejn l-2013 u l-2019. Madankollu, madwar 40 % ta' dan it-tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO₂ ġie kkumpensat minn żieda fl-użu tal-gass naturali.
- Fil-Polonja, il-produzzjoni tal-faħam iebes naqset b'25 % bejn l-2014 u l-2020, filwaqt li l-użu naqas biss bi 15 %, peress li l-produzzjoni domestika ġiet parzjalment sostitwita bl-importazzjonijiet.
- Fil-Wied ta' Jiu (RO), it-tnaqqis fil-produzzjoni tal-faħam ġie parzjalment ikkumpensat minn żieda fl-importazzjonijiet tal-gass naturali.

52 Il-*Figura 13* turi l-Istati Membri tal-UE li importaw l-aktar il-faħam, li għalihom il-faħam iebes kien jammonta għal 91.5 % fl-2019. Fil-Ġermanja u l-Polonja, l-importazzjonijiet tal-faħam żdiedu b'mod sinifikanti fl-aħħar 15-il sena, filwaqt li l-importazzjonijiet tal-faħam b'mod ġenerali qed jonqsu fil-bqija tal-UE.

Figura 13 – Importazzjonijiet tal-faħam



*Stati Membri li għandhom livell ogħla ta' importazzjonijiet mill-1990: Iċ-Ċekja, il-Ġermanja, il-Polonja u s-Slovenja


Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-Eurostat.

Sa issa l-Istati Membri ftit li xejn taw attenzjoni għall-emissjonijiet tal-metan li jirriżultaw mill-minjieri tal-faħam magħluqa jew abbandunati

53 Il-*Figura 14* turi li l-Polonja hija bla dubju l-akbar emittent tal-metan li jirriżulta mill-estrazzjoni u mit-trattament tal-faħam, segwita mir-Rumanija u ċ-Ċekja, li flimkien jirrappreżentaw 89 % ta' dawn l-emissjonijiet kollha tal-metan²⁹. Id-dijagramma turi wkoll li l-minjieri taħt l-art li huma attivi huma l-akbar kontributor uniku għall-emissjonijiet tal-metan. Peress li l-konċentrazzjonijiet tal-metan f'dawn il-minjieri jiġu kkontrollati kontinwament għal raġunijiet ta' saħħa u sikurezza, l-istimi tal-emissjonijiet tal-metan irrappurtati fl-inventarji nazzjonali tal-gassijiet b'effett ta' serra għall-minjieri taħt l-art li huma attivi huma kkunsidrati affidabbli.

²⁹ L-EEA, *Annual European Union greenhouse gas inventory 1990–2020 and inventory report 2022*, 2021, p. 346.

Figura 14 – Stima tal-emissjonijiet tal-metan li rriżultaw mill-minjieri tal-faħam fl-2019 (f'elf tunnellata)



Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* tal-inventarji tal-gassijiet b'effett ta' serra pprovduta mill-EEA



54 L-emissjonijiet li jirriżultaw mill-minjieri tas-superfiċje ma jistgħux jitkejlu kontinwament, peress li jiġu diffużi fuq żona wiesgħa. Konsegwentement, l-approċċ għal stima l-aktar preċiż huwa bbażat fuq il-kwantitajiet ta' faħam li jiġu estratti f'kull minjiera attiva mmultiplikati b'fattur ta' emissjoni. L-istimi tal-emissjonijiet tal-metan li jirriżultaw mill-minjieri taħt l-art magħluqa jew abbandunati huma l-inqas preċiżi, peress li ma hemm l-ebda kejl kontinwu tal-metan f'dawn il-minjieri magħluqa li jippermetti li jiġu kkalkulati fatturi ta' emissjoni aktar affidabbli. Studju li sar fl-2020³⁰ bassar li l-proporzjon tal-emissjonijiet tal-metan fl-industrija tal-faħam kollha kemm hi li jkunu ġejjin mill-minjieri magħluqa (mhux mgħarrqa) jew abbandunati se jiżdied b'mod sinifikanti fil-futur, prinċipalment minħabba l-livell aktar baxx ta' emissjonijiet li jirriżultaw mill-minjieri attivi u mix-xaftijiet aktar fondi fil-minjieri li ngħalqu reċentement.

³⁰ N. Kholod et al., *Global methane emissions from coal mining to continue growing even with declining coal production*, *Journal of Cleaner Production*, il-Volum 256, 120489, 2020.

55 Xi Stati Membri stabbilew inċentivi fil-forma ta' sussidji, għajjnuna mill-Istat u ħelsien mit-taxxa għal investimenti f'sistemi li jużaw il-metan mill-minjieri magħluqa jew abbandunati għall-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana, inklużi ċ-Ċekja, il-Ġermanja u l-Polonja. Madankollu, huma ftit biss il-proġetti operazzjonali fil-pajjiżi inklużi fl-awditu tagħna li jużaw il-metan mill-minjieri magħluqa jew abbandunati għall-ġenerazzjoni tal-elettriku, bl-eċċezzjoni tal-Ġermanja, fejn hemm aktar minn 50 proġett ta' dan it-tip li huma operazzjonali³¹.

56 Attwalment ma hemmx regoli fl-UE kollha li jillimitaw l-emissjonijiet tal-metan li jirriżultaw mill-estrazzjoni u t-trattament tal-faħam. Madankollu, il-Kummissjoni ħadet azzjoni biex tikseb informazzjoni aħjar dwar l-emissjonijiet tal-metan li jirriżultaw mill-minjieri tal-faħam attivi, magħluqa jew abbandunati u biex tnaqqas dawn l-emissjonijiet, billi ppubblikat Proposta għal Regolament fl-2021³². Il-**Figura 15** tiddekrivi l-elementi ta' din il-proposta, li huma rilevanti għas-settur tal-faħam.

Figura 15 – Elementi ewlenin tar-regolament propost dwar l-emissjonijiet tal-metan li jirriżultaw mis-settur tal-faħam

	 Minjieri tal-faħam taħt l-art magħluqa jew abbandunati	 Minjieri tal-faħam taħt l-art u tas-superfiċje li qed joperaw
Monitoraġġ u rappurtar	<ul style="list-style-type: none"> • jiġi stabbilit inventarju rigward il-minjieri tal-faħam magħluqa jew abbandunati kollha • jiġi installat tagħmir għall-kejl, kejl regolari u rappurtar 	<ul style="list-style-type: none"> • jiġu stabbiliti regoli għall-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet tal-metan
Mitigazzjoni	<ul style="list-style-type: none"> • jiġi żviluppata u implimentata pjan ta' mitigazzjoni biex jiġu indirizzati l-emissjonijiet tal-metan 	<ul style="list-style-type: none"> • fil-minjieri tal-faħam taħt l-art, jiġi pprojbit l-ivventjar u l-ivvampjar tal-metan mill-istazzjonijiet tad-drenaġġ (<i>mill-2025</i>) u mix-xaft tal-ventilazzjoni (<i>mill-2027</i>)

Sors: il-QEA, ibbażat fuq ir-Regolament propost.

³¹ Il-bażi ta' data Coal Mine Methane, li ġiet żviluppata mill-Programm ta' Sensibilizzazzjoni dwar il-Metan mis-Saffi tal-Faħam tal-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent fl-Istati Uniti fuq talba tas-Sottokomitat għall-Minjieri tal-Faħam dwar l-Inizjattiva Globali tal-Metan.

³² Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/942, COM(2021) 805 final.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

57 L-awditu tagħna vvaluta jekk l-appoġġ mill-UE fil-perjodu 2014-2020 kienx ikkontribwixxa b'mod effettiv għat-tranżizzjoni soċjoekonomika u tal-enerġija f'seba' reġjuni magħżula tal-UE, fejn l-industrija tal-faħam kienet qed tonqos. Aħna nikkonkludu li l-appoġġ mill-UE li ngħata lir-reġjuni tal-faħam kellu fokus u impatt limitat fuq il-ħolqien tal-impjiegi u t-tranżizzjoni tal-enerġija u li, minkejja l-progress kumplessiv li sar, il-faħam jibqa' sors sinifikanti ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra f'xi Stati Membri.

58 L-ewwel, aħna ħarisna lejn jekk il-ħaddiema fl-industrija tal-faħam li ngħataw is-sensja kinux irċevew taħriġ u assistenza xierqa biex jgħinuhom isibu impjieg ġdid. L-awtoritajiet reġjonali setgħu jużaw kemm il-fondi nazzjonali kif ukoll dawk tal-UE għal dan il-għan. Aħna sibna li korsijiet ta' taħriġ appoġġati mill-FSE kienu disponibbli għall-ħaddiema fl-industrija tal-faħam li kienu ngħataw is-sensja, iżda ma kienx hemm *data* dwar il-parteċipazzjoni għal dan il-grupp speċifiku. Sitwazzjoni ġeneralment pożittiva fis-suq tax-xogħol fil-biċċa l-kbira mir-reġjuni inklużi fl-ambitu tal-awditjar tagħna naqqset ir-riskju li l-ħaddiema fl-industrija tal-faħam li kienu ngħataw is-sensja jibqgħu qiegħda (il-paragrafi [26-32](#)).

59 It-tieni, aħna vvalutajna jekk l-Istati Membri, flimkien mal-Kummissjoni, kinux identifikaw il-ħtiġijiet soċjoekonomiċi tar-reġjuni tal-faħam u kinux immiraw il-fondi kif xieraq. Ir-reġjuni tal-faħam magħżula kienu użaw il-fondi tal-UE b'modi differenti bil-ħsieb li jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi proprji tagħhom iżda b'fokus dgħajjef fuq it-tranżizzjoni soċjoekonomika u tal-enerġija. Aħna osservajna li l-biċċa l-kbira mir-reġjuni kienu żviluppaw l-istrateġiji għat-tranżizzjoni tagħhom lejn tmiem il-perjodu 2014-2020.

60 Aħna rajna li l-għadd ta' impjiegi li nħolqu direttament f'dawn ir-reġjuni permezz ta' investimenti taħt il-FEŻR kien relattivament baxx. Aħna sibna li fil-biċċa l-kbira tar-reġjuni inklużi fil-kampjun tagħna, il-proġetti ffinanzjati ma kellhomx impatt sinifikanti fuq l-iffrankar tal-enerġija jew fuq il-kapaċità tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli (il-paragrafi [33-43](#)).

61 Mill-2018 'il hawn, il-Kummissjoni offriet diversi tipi ta' kwalifika lir-reġjuni tal-faħam, u fl-2020 hija għamlet proposti biex jiġi stabbilit il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta b'ammont ta' EUR 19.3-il biljun. L-opinjoni tagħna dwar il-proposti tal-Kummissjoni għar-Regolament dwar il-JTF aċċennat li l-Kummissjoni ma kinitx wettqet analiżi komprensiva ta' dak li nkiseb permezz tal-finanzjament preċedenti li ngħata mill-UE

f'dawn ir-reġjuni, jew tal-ħtiġijiet li fadlilhom. Aħna sibna wkoll sfidi għall-Istati Membri fl-użu tal-finanzjament disponibbli fi ħdan il-perjodu ta' żmien stabbilit biex jappoġġjaw tranżizzjoni effettiva. Dawn id-dgħufijiet joħolqu r-riskju li l-fondi maħsuba biex itaffu l-ispejjeż soċjoekonomiċi u ambjentali tat-tranżizzjoni jistgħu jintefqu mingħajr ma t-tranżizzjoni sseħħ b'mod effettiv. Dan ir-riskju żdied bl-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja fl-2022 (il-paragrafi [44-48](#)).

Rakkomandazzjoni 1 – Tiċċekkja li l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta jintuża b'mod effettiv u effiċjenti biex itaffi l-impatt soċjoekonomiku tat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika fir-reġjuni b'intensità ta' faħam u ta' karbonju

Jenħtieġ li l-Kummissjoni, meta tapprova l-Pjanijiet u l-Programmi Territorjali għal Tranżizzjoni Ġusta u l-emendi tagħhom, u meta timmonitorja u tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tagħhom, tiċċekkja li l-Istati Membri jkunu:

- (a) speċifikaw il-miżuri ppjanati u l-perjodu ta' żmien għat-tranżizzjoni 'l bogħod mill-faħam u għat-trasformazzjoni ta' attivitajiet b'intensità qawwija ta' karbonju f'konformità mal-oġettivi klimatiċi tal-UE;
- (b) żguraw li r-riżorsi programmati ma jkunux jeċċedu l-ħtiġijiet finanzjarji identifikati f'konformità mar-ritmu tat-tranżizzjoni; u
- (c) żgurat komplementarjetà u koordinazzjoni bejn id-diversi sorsi ta' finanzjament tal-UE u dawk nazzjonali.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2022 għall-adozzjoni tal-Pjanijiet u l-Programmi Territorjali għal Tranżizzjoni Ġusta; 2026 għall-monitoraġġ u rappurtar

62 Fl-aħħar nett, aħna vvalutajna jekk l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra li jirriżultaw mill-faħam humiex qed jonqsu f'konformità mat-tnaqqis fil-produzzjoni tal-faħam fl-UE. Aħna sibna li kien hemm tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet tas-CO₂ li jirriżultaw mill-kombustjoni tal-faħam, iżda li l-faħam domestiku xi drabi ġie sostitwit mill-importazzjonijiet jew minn fjuwils fossili oħra. Il-proporzjon tal-ġenerazzjoni grossa tal-elettriku u tas-sħana mħaddma mill-faħam kien għadu 'l fuq minn 15 % f'sitt pajjiżi tal-UE fl-2020.

63 Aħna sibna wkoll li r-rappurtar dwar l-emissjonijiet tal-metan li jirriżultaw mill-minjieri magħluqa jew abbandunati ma kienx affidabbli biżżejjed, u li bl-eċċezzjoni tal-Ġermanja, dawn il-minjieri jagħmlu biss użu marġinali mill-metan. Attwalment, ir-

rappurtar u l-mitigazzjoni ta' dawn l-emissjonijiet mhumiex irregolati tajjeb, iżda proposta tal-Kummissjoni li ġiet ippubblikata f'Diċembru 2021 għandha l-għan li tindirizza dawn il-kwistjonijiet (il-paragrafi 49-56).

Rakkomandazzjoni 2 – Tiġi kondiviża prattika tajba għall-kejl u l-ġestjoni tal-emissjonijiet tal-metan

Jenħtieġ li l-Kummissjoni, billi tibni fuq il-proposta tal-2021 għal Regolament dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija, tiġbor u tikkondividi eżempji ta' prattiki tajba li jitwettqu fl-Istati Membri, tal-kejl u l-ġestjoni tal-emissjonijiet tal-metan, minn minjieri tal-faħam magħluqa jew abbandunati.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2025

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla I, immexxija mis-Sa Joëlle Elvinger, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-21 ta' Settembru 2022.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Klaus-Heiner Lehne
Il-President

Anness

Produzzjoni u konsum tal-faħam fl-UE

(f'elf tunnellata)

Stati Membri	2010		2015		2020	
	Produzzjoni	Konsum	Produzzjoni	Konsum	Produzzjoni	Konsum
Il-Belġju	2 005	7 836	1 274	6 329	1 140	4 613
Il-Bulgarija	30 749	34 080	36 797	37 915	23 055	23 915
Iċ-Ċekja	58 180	55 599	48 984	48 657	34 113	37 281
Id-Danimarka	-	6 521	-	3 154	-	1 240
Il-Ġermanja	197 914	249 172	200 171	255 305	120 452	151 630
L-Estonja	22	60	8	29	15	12
L-Irlanda	-	2 024	-	2 401	-	708
Il-Greċja	56 520	58 319	46 246	44 548	14 054	14 645
Spanja	10 561	16 582	4 695	26 272	567	5 554
Franza	3 219	21 787	3 315	17 512	2 417	10 421
Il-Kroazja	-	1 198	-	1 021	-	603
L-Italja	4 211	25 705	1 768	21 581	1 292	9 152
Ċipru	-	27	-	6	-	22
Il-Latvja	-	170	-	81	-	39
Il-Litwanja	-	316	-	265	-	221
Il-Lussemburgu	-	111	-	84	-	66
L-Ungerija	10 195	11 761	10 267	11 423	6 991	8 097
Malta	-	-	-	-	-	-
In-Netherlands	2 130	14 228	2 117	20 056	1 947	8 288
L-Awstrija	1 431	6 472	1 379	6 103	1 370	5 025
Il-Polonja	142 963	144 591	145 477	138 339	108 476	111 560
Il-Portugall	-	2 705	-	5 512	-	957
Ir-Rumanija	31 129	32 611	25 493	27 858	15 031	16 678
Is-Slovenja	4 430	4 950	3 168	3 613	3 175	3 491
Is-Slovakkja	4 093	9 333	3 637	8 049	2 187	5 608
Il-Finlandja	866	8 256	915	5 271	796	3 639
L-Iżvezja	1 197	4 283	1 187	4 060	1 070	3 153
EU-27	561 815	718 697	536 898	695 445	338 149	426 620

Sors: l-Eurostat.

Akronimi u abbrevjazzjonijiet

CO₂: Diossidu tal-karbonju

FEŻR: Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali

FK: Fond ta' Koeżjoni

Fondi SIE: Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej

FSE: Fond Soċjali Ewropew

FSE: Fond Soċjali Ewropew

JRC: Ċentru Konġunt tar-Riċerka

JTF: Fond għal Tranżizzjoni Ġusta

NECP: Pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima

PM_{2.5}: Materja partikolata fina

PO: Programm operazzjonali

SWOT: Elementi sodi, Dgħufijiet, Opportunitajiet u Theddidiet

Glossarju

Analiżi SWOT: Valutazzjoni tal-elementi sodi, id-dgħufijiet, l-opportunitajiet u t-theddiet ta' entità, ġurisdizzjoni jew programm.

Faħam termali: Faħam li jintuża prinċipalment fl-impjanti ta' produzzjoni tal-enerġija għall-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana.

Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej: Il-ħames fondi prinċipali tal-UE li flimkien ipprovdew appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku fl-UE kollha fil-perjodu 2014-2020: il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd.

Ftehim ta' Pariġi: Ftehim internazzjonali ffirmat fl-2015 biex it-tiżhin globali jiġi limitat għal inqas minn 2°C, b'kull sforz biex dan jiġi limitat għal 1.5 C.

Ftehim ta' sħubija: Ftehim bejn il-Kummissjoni u Stat Membru jew pajjiż mhux membru tal-UE fil-kuntest ta' programm ta' nfiq tal-UE, fejn jiġu stabbiliti pereżempju, il-pjanijiet strateġiċi, il-prijoritajiet ta' investiment jew inkella t-termini ta' kummerċ jew il-provvedimenti ta' għajjnuna għall-iżvilupp.

Gass serra: Gass fl-atmosfera – bħal diossidu tal-karbonju jew metan – li jassorbi u jemetti radjazzjoni, ma jħallix is-sħana taħrab u għalhekk isaħħan is-superfiċje tad-Dinja permezz ta' dak li huwa magħruf bħala l-effett serra.

Għajjnuna mill-Istat: Appoġġ, dirett jew indirett, li l-gvern jagħti għal negozju jew għal organizzazzjoni, u li jagħtihom vantaġġ meta mqabbla mal-kompetituri tagħhom.

Intrapriża żgħira u ta' daqs medju (SME): Negozju li jimpjega inqas minn 250 persuna u li għandu fatturat annwali ta' inqas minn EUR 50 miljun, jew total annwali tal-karta tal-bilanċ ta' inqas minn EUR 43 miljun.

Newtralità klimatika: Is-sitwazzjoni li fiha l-attivitajiet tal-bniedem ma għandhom l-ebda effett nett fuq il-klima.

NUTS: *Nomenclature des unités territoriales statistiques* – sistema li tikklassifika r-reġjuni tal-UE fi tliet gruppi skont id-daqs tal-popolazzjoni għal skopijiet statistiċi u t-tfassil ta' politika reġjonali, b' NUTS 1 tkun l-akbar u NUTS 3 l-iżgħar.

Patt Ekoloġiku Ewropew: L-istrateġija tal-UE għat-tkabbir adottata fl-2019, bil-għan li l-UE ssir newtrali għall-klima sal-2050.

Programm operazzjonali: Il-qafas bażiku għall-implimentazzjoni tal-proġetti ta' koeżjoni ffinanzjati mill-UE f'perjodu stabbilit, li jirrifletti l-prijoritajiet u l-oġġettivi stabbiliti fi ftehimiet ta' sħubija bejn il-Kummissjoni u Stati Membri individwali.

Reġjuni b'intensità ta' karbonju: Reġjuni fejn il-fjuwils naturali jintużaw b'mod mifruq għall-ġenerazzjoni tal-enerġija elettrika, it-tiġin jew fil-proċessi industrijali, u jirriżultaw f'livell għoli ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra.

Risposti tal-Kummissjoni

<https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=62373>

Kronoloġija

<https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=62373>

Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi li twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma baġitarji speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi futuri u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla I tal-Awditjar, Użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, li hija mmexxija minn Joëlle Elvinger, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa mill-Membru tal-QEA Nikolaos Milionis, li ngħata appoġġ minn Kristian Sniter, Kap tal-Kabinett u Matteo Tartaggia, Attaché tal-Kabinett; Emmanuel Rauch, Maniġer Prinċipali; Jindřich Doležal, Kap tal-Kompitu; Gareth Roberts, Kurt Bungartz, Krzysztof Zalega, Pekka Ulander, Maria Eulàlia Reverté I Casas u Mihaela Vacarasu, Awdituri. Marika Meisenzahl ipprovdiet appoġġ grafiku. Richard Moore u Laura Mcmillan ipprovdew appoġġ lingwistiku.



Mix-xellug għal-lemin: Kristian Sniter, Emmanuel Rauch, Maria Eulàlia Reverté I Casas, Nikolaos Milionis, Matteo Tartaggia, Pekka Ulander, Jindřich Doležal.

DRITT TAL-AWTUR

© L-Unjoni Ewropea, 2022

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-[Deċiżjoni Nru 6-2019 tal-QEA](#) dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tal-QEA, li huwa proprjetà tal-UE, huwa liċenzjat taħt il-[liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International \(CC BY 4.0\)](#). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat dment li jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Il-persuni li jużaw mill-ġdid dan il-kontenut ma jistgħux ibiddu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali tad-dokumenti. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb tali permess, dan għandu jikkancelja u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Biex tuża jew tirriproduċi kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jista' jkun meħtieġ li titlob il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur:

Figurei 10, 15 – Ikoni: Dawn il-figuri tfasslu bl-użu ta' riżorsi minn [Flaticon.com](#). © [Freepik Company S.L](#). Id-drittijiet kollha huma riżervati.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinjati rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti web istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fi ħdan id-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuqhom, dawn, inti mħeġġeġ biex tirreżamina l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

Użu tal-logo tal-QEA

Ma jistax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

PDF	ISBN 978-92-847-8800-2	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/878690	QJ-AB-22-020-MT-N
HTML	ISBN 978-92-847-8777-7	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/979310	QJ-AB-22-020-MT-Q

L-eliminazzjoni gradwali tal-faħam hija essenzjali għall-ilħuq tal-objettivi klimatiċi tal-UE, u fl-2020 l-UE stabbiliet il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta b'EUR 19.3-il biljun biex tappoġġa t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika. Biex nisiltu tagħlimiet għall-implimentazzjoni ta' dan il-Fond, aħna vvalutajna jekk l-appoġġ mill-UE fil-perjodu 2014-2020 kienx ikkontribwixxa b'mod effettiv għat-tranżizzjoni soċjoekonomika u tal-enerġija f'reġjuni tal-UE fejn l-industrija tal-faħam kienet qed tonqos. Aħna nikkonkludu li l-appoġġ kellu fokus u impatt limitat fuq il-ħolqien tal-impjiegi u t-tranżizzjoni tal-enerġija u li, minkejja l-progress kumplessiv li sar, il-faħam jibqa' sors sinifikanti ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra f'xi Stati Membri. Nirrakkomandaw azzjonijiet għall-użu effettiv u effiċjenti tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, u għal kejl u mmaniġġjar aħjar tal-emissjonijiet tal-metan minn ġewwa minjieri magħluqa jew abbandunati.

Rapport speċjali tal-QEA skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE.



QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors